HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn kullimkien

It-Tlettax-il Sena Nru. 66 | HAL BALZAN | Jannar/Marzu 1984

Editorjal

IS-SAHHA TAR-RAGUNI

Sewwa ntqal li l-ebda bniedem ma huwa gżira. Għax l-ebda bniedem ma jista' jgħix għalih waħdu, maqtugħ għal kollox mis-soċjetà ta' bnedmin oħra bħalu. Din hija verità li l-bnedmin għarfuha miż-żminijiet tal-qedem. Jekk aħna umani, postna qiegħed fis-soċjetà.

Dwar dan il-Griegi tal-qedem ma kellhomx l-iċken dubju. Nieħdu l-kelma "idjota", kelma ġejja mill-Grieg. Aħna lkoll nafu xi tfisser. Tfisser l-istess bħal "iblah" jew "baħnan", jiġifieri xi ħadd li mhux kapaċi jirraġuna u li jitkellem u jaġixxi bla sens. Iżda għall-Griegi kienet tfisser ferm aktar. Għalihom idjota kien letteralment bniedem maqtugħ għalih waħdu. Kien bniedem li, jew għax irid hu (għax stramb u ma jridx ikollu x'jaqsam ma' bnedmin oħra) jew għax miskin twieled mentalment inkapaċitat, huwa, biex ngħidu hekk, speċi ta' gżira u ma jiħux sehem fl-unika forma ta' komunità li hija verament umana — il-komunità ta' dawk li jirraġunaw.

Ir-raġuni, mela, kif fehmu tajjeb il-Griegi, hija minnha nnifisha soċjali u soċjetà li m'hijiex mibnija fuq ir-raġuni ma tistax tkun ġenwinament umana. Il-kobor tal-bniedem, kif qal il-filosfu Kattoliku Franċiż Blaise Pascal, huwa fir-raġuni, għax kieku konna neqsin minnha, fiex konna nkunu differenti mill-annimali? Għalhekk, meta ma nirraġunawx, meta nħallu l-istinti u l-passjonijiet egoistiċi tagħna jiġru bina, ma naġixxux ta' bnedmin iżda nbaxxu rwieħna għal-livell ta' l-annimali.

M'għandniex xi ngħidu, il-bniedem ma jikkonsistix biss f'moħħu, u għalhekk ir-raġuni m'hijiex kollox. Alla tana moħħ li jirraġuna iżda tana wkoll qalb li tħoss, u kif ifakkarna Pascal, il-qalb għandha r-raġunijiet tagħha li l-moħħ ma jaf xejn dwarhom. Dan, pero', ma jfissirx li l-moħħ u l-qalb huma kontra xulxin. It-tnejn huma essenzjali għall-umanità tagħna. Kieku l-bniedem ma kellux qalb li tħobb, ma kienx ikun aħjar minn "robot", iżda min-naħa l-oħra kieku ma kellux moħħ li jirraġuna u jippjana, kieku għadna ngħixu fl-għerien bħal annimali salvaġġi. Mhux hekk biss. Kieku l-bnedmin kienu neqsin mir-raġuni, saħansitra l-imħabba umana ma setgħetx tkun differenti minn dik ta' l-annimali.

L-annimali jaġixxu skond l-istint. Il-bniedem jaġixxi skond ir-raġuni. U r-raġuni, kif għidna, hija min-natura tagħha soċjali. Fejn hi ssaltan, insibu l-għaqda, il-ġustizzja u l-paċi. Iżda fejn hi nieqsa, fejn jaħkmu l-egoiżmu u l-ebbusija ta' l-irjus, insibu l-firda, il-mibegħda u l-vjolenza. Sfortunatament, biex naraw kemm hu veru dan m'hemmx għalfejn infittxu ħafna. Biżżejjed niftħu gazzetta, nixegħlu t-television — jew anke sempliċement inħarsu madwarna.

X'nistgħu nagħmlu aħna? L-ewwel nett, meta jkollna niffaċċjaw xi problema jew xi nuqqas ta' qbil għandna dejjem nagħmlu ħilitna sabiex insolvuha skond ir-raġuni u l-ħaqq. U t-tieni, lit-tfal tagħna għandna dejjem niftakru fir-responsabbiltà tagħna lejhom u nikkoltivaw fihom, anke ta' età żgħira, iż-żerriegħa prezzjuża tar-raġuni. Għax din iż-żerriegħa, kif iwissuna l-esperti dwar l-iżvilupp mentali tat-tfal, jekk tiġi ttraskurata fl-ewwel snin ta' ħajjitha, rarament wara tkun tista' tieħu r-ruħ.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMHADDED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM

VITAFOAM LIMITED

INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)

Telephone: 36275/76

Min kien l-Arcisqof Gonzi ghalija

minn Dun Gwann Dimech

INHOSSHA DIFFIĊLI ĦAFNA GĦALIJA LI NGĦID FIL-QOSOR DAK KOLLU LI KONT NARA TAJJEB F'MONS. ARĊISQOF GONZI TUL IS-SNIN TWAL LI GĦADDEJT MIEGĦU. IŻDA JIEN KONT NARA LIL MONS. GONZI BĦALA L-BNIEDEM TA' ALLA, BĦALA BNIEDEM TA' KARATTRU SOD, BĦALA BNIEDEM MIMLI BL-IMĦABBA U KARITATIV, BĦALA R-RAGĦAJ IDDEDIKAT GĦAD-DJOĊESI TIEGĦU, BĦALA ARĊISQOF LI MINKEJJA L-ETA' GĦARAF JADDATTA RUĦU GĦAT-TIBDIL LI ĠAB IL-KONĊILJU VATIKAN II.

L-Arċisqof Gonzi kien il-Bniedem ta' Alla

L-akbar interess li kellu l-Arċisqof Gonzi kien li jgħix tassew is-saċerdozju tiegħu u jaqdi sew, bl-akbar eżattezza, id-dmirijiet tiegħu bħala saċerdot u 'l quddiem bħala Isqof.

Mhux l-ewwel darba li qabel ma għamilna xi adorazzjoni privata fil-kappella tiegħu, jew qabel bdejna r-reċita tar-Rużarju Mqaddes, qalli: "L-ewwel irridu nkunu tajbin aħna s-saċerdoti jekk irridu li l-poplu tagħna jkun tajjeb." Huwa kien bniedem ta' talb. Il-meditazzjoni ma kien iħalliha qatt u kull nhar ta' Ħamis ma kien jonqos qatt li jagħmel siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat. Huwa kellu devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija u għalih il-kamra ta' l-istudju tiegħu u l-kappella kienu qishom kamra waħda. Ta' spiss kont narah jinterrompi x-xogħol tiegħu fl-istudju u jmur joqgħod jitlob fil-kappella, speċjalment waqt li kien ikun qed jipprepara xi ittra pastorali, jew xi diskors importanti, jew qabel xi laqgħa li kien se jkollu ma' xi personalità għolja.

Dun Ġwann Dimech kien jaf lil Mons. M. Gonzi bħala Isqof ta' Għawdex u aktar tard kien Segretarju Privat tiegħu għal seba' snin.

Monsinjur Mikiel Gonzi kien ta' karattru sod

Iż-żminijiet li għex fihom, l-ambjent familjari li trabba fih u l-kariżmi li kien imżejjen bihom u l-edukazzjoni li kellu, kollha għenu biex l-Arċisqof Gonzi jakkwista karattru sod.

Minkejja l-impressjoni ftit rigoruża li wieħed seta' jieħu tiegħu, speċjalment min ma kien qatt resaq lejh, Mons. Gonzi kellu qalb kbira, qalb tad-deheb. Għalkemm kien bniedem ta' dixxiplina kbira, l-ewwel miegħu nnifsu u mbagħad ma' l-oħrajn, iżda kien bniedem li jaf iħoss, jaf jagħder u dejjem lest biex jisma' u jifhem lil kull min kien jersaq lejh. Hawn irrid insemmi li mhux l-ewwel darba li fil-



Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof Emeritus — Twieled fit-13 to' Mejju 1885 u miet fit-22 ta' Jannar 1984. Mexxa d-Djoċesi t'Għawdex bejn l-1924 u l-1944 u l-Arċidjoċesi ta' Malta bejn l-1944 u l-1976.

waqt li kien jirrakkontali xi fatt doloruż li kien ikun iltaqa' miegħu waqt l-udjenzi, kont nilmaħ id-dmugħ f'għajnejh u l-vuċi kienet tinkiser. Mons. Gonzi kellu qalb ta' veru missier.

Il-karattru sod u s-sens rigoruż ta' responsabbiltà filqadi ta' dmirijietu bħala l-mexxej tal-Poplu ta' Alla f'din id-Djoċesi, kif ukoll kien urieh sa minn kmieni fid-Djoċesi ta' Għawdex, ma kien jippermetti qatt li dak li seta' jġib ħsara lill-fidili jħallih għaddej u ma jippruvax iwaqqfu. Dan kien jagħmlu akkost li kien jaf li mhux sejjer jogħġob lil x'uħud. Kien jagħmlu, kif spiss kien igħidli: "B'għafsa ta' qalbi..."

Mons. Gonzi la qatt ried imur kontra l-Liġi ta' Alla u lanqas kontra l-Liġi tal-Knisja. U min mis-sudditi tiegħu kien jonqos, ara lil Mons. Gonzi jibgħat għalih, iwissih u jwiddbu, u biex jurih li dak li kien qed jagħmel, kien qed jagħmlu f'isem il-Knisja, kien jurih u jiċċitalu l-Liġi Kanonika.

L-Arċisqof Gonzi kien verament iħobb il-Knisja ta' Malta u lil pajjiżu. Għall-knisja ta' Malta, Mons. Gonzi għamel minn kollox biex jaraha żżomm l-identità tagħha, ta' pajjiż kattoliku, saħansitra wasal biex issagrifika ħajtu, seffaq wiċċu ma' awtoritajiet aktar għolja minnu, ħela saħħtu u ċċaħħad mill-ħin liberu tiegħu u saħansitra minn jiem ta' vaganzi.

Mons. Mikiel Gonzi mimli kollu mħabba

Mons. Gonzi kien jilqa' lil kulħadd. Arah fil-ġranet tal-udjenzi, u xi drabi fi ġranet meta l-Kurja kienet magħluqa jew il-Ħadd f'ħinijiet ukoll barra minn dawk preskritti, l-Arċisqof kien dejjem lest biex jisma' lil min kellu bżonn jiltaqa' miegħu. Nista' ngħid li Mons. Gonzi kien "a good listener", prudenti biex jieħu deċiżjoni u jipprova dejjem inissel xi tama f'min ikun wasal biex jitlifha.

Kien hemm drabi meta x'uħud minn dawk li keinu jkunu qed jistennew sabiex ikellmuh, kien isirilhom il-ħin u kienu jitilqu. Jekk Mons. Gonzi kien isir jaf min kien hemm u telaq, arah jinkwieta u jgħidli: "Min jaf għalfejn ġiet dik il-persuna." U jistenna minn għandi biex ngħidlu. Bosta drabi kien jitlobni nċempel lil dik il-persuna u jagħtiha appuntament privat.

Ta' spiss kien jindaħal biex isolvi sitwazzjonijiet diffiċli familjari u kien jiddispjaċih ħafna meta, minkejja l-intervent tiegħu, l-affarijiet kienu jibqgħu l-istess.

Mons. Gonzi jaddatta ruħu għat-tibdil li ġieb il-Konċilju Vatikan II

L-Arċisqof Mons. Gonzi mhux biss atttenda għas-sessjonijiet tal-Konċilju Vatikan II, iżda wkoll tkellem bosta drabi u intervjena f'bosta diskussjonijiet.

Mons. M. Gonzi ħabb lid-Djoċesi ta' Malta

F'Mons. Gonzi kont nammira ħafna l-imħabba kbira u sinċiera li kellu lejn Malta u l-Knisja Maltija. F'moħħu kellu dejjem ħaġa waħda, ikun ta' ġid għal Malta u għad-djoċesi. L-istorja ta' ħajtu turina li kien għalhekk dejjem lest li bl-influwenza tiegħu jkun ta' l-ikbar ġid għal pajjiżna u għal ħutu l-Maltin kollha, huma min huma. Naturalment, kif kien dmir tiegħu, l-ikbar interess u impenn tiegħu kien li jaħdem u jistinka bla heda għall-iżvilupp spiritwali u pastorali ta' dawn il-gżejjer. U

(Ikompli f'paġna 3)

"ĦAL BALZAN"
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'ĦAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Ħal Balzan.

Stampat fil-
Lux Press
Ħamrun.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Bdew il-ħajja nisranija
Maria Calleja
Anna Maria Cassola
Christian Fenech
Lyndsey Micallef
Matthew Azzopardi
Lara Lanzon
Roderica Schembri
Luke Camilleri
Fiona Mallia
Christopher Mario Baldacchino
Cathrine Cassar Torreggiani
Abigail Mamo
Sabrina Martine Ellul
Christopher Camilleri
Louise Vella Bardon

Iffurmaw familja ġdida
Mario Pullicino ma' Josephine Bonello

Għaddew għall-ħajja bla tmiem
Maria Camilleri
Valentina Borg
Joseph Casingena
Edward Ellul
Luigia Azzopardi
Sister Carmela Cassar
Joseph Axiaq
Vincenza Muscat
Emma Farrugia
Sister Natalina Paris

Ismijiet ta' toroq godda f'Ħal Balzan

minn Carmel Bezzina M.A.

Billi dan l-aħħar uħud mit-toroq ġodda li għandna f'Ħal Balzan ingħataw isem, ħsibna li nagħtu xi tagħrif dwar in-nies prominenti li ssemmew għalihom uħud mit-toroq tagħna, biex hekk il-qarrejja tagħna jagħarfu aħjar il-kontribut ta' dawn in-nies fl-oqsma diversi tal-ħajja Maltija u, fejn huwa l-każ, x'relazzjoni seta' kellhom ma' Ħal Balzan.

Sir Antonio Micallef

Nibdew mit-toroq ta' wara l-Knisja. It-triq ġdida li minn Balzan Valley (ħdejn il-fabbrika tal-għaġin "Macaroni Premier — Balzan Paste Factory") toħodna għall-Pjazza ssemmiet għal Sir Antonio Micallef. Dan il-ġurista Malti twieled il-Birgu fit-2 t'April 1810, u kellu karriera brillanti fil-qasam legali. Ta' 18-il sena kiseb id-dottorat fil-Liġi mill-Università ta' Malta u ta' 32 sena kien nominat Avukat tal - Kuruna b'rakkomandazzjoni speċjali tal-Gvernatur Bouverie; fl-1859 laħaq President tal-Qorti ta' l-Appell. Fl-1876, Sir Antonio Micallef u l-Gvernatur ta' dak iż-żmien kienu ż-żewġ xhieda uffiċjali ta' l-identità tal-Prinċipessa Melita, bint id-Duka u d-Dukessa ta' Edinburgh, li twieldet fil-Palazz ta' Sant'Anton. Sir Antonio Micallef ta kontribut siewi lil pajjiżna tul il-karriera twila tiegħu, u anke wara li rtira bil-pensjoni baqa' jinteressa ruħu ħafna fil-ħajja ta' pajjiżna. Miet fil-5 t'April 1889, sewwasew tlett ijiem wara li għalaq id-79 sena, u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.

Ġulju Cauchi

Trejqa oħra ġdida li tieħu minn Balzan Valley għal Triq Sir Antonio Micallef issemmiet għall-funditur Malti Ġulju Cauchi (1835-1896), Bormliż li kellu l-funderija tiegħu f'Għajn Dwieli. Ġulju u ż-żewġ ħutu Ġużeppi u Ġakkinu ħallew warajhom għadd kbir ta' qniepen, uħud żgħar oħrajn imdaqqsa, li sal-lum għadhom iħennu l-ibliet u l-irħula tagħna bid-daqq ħlejju tagħhom. F'Ħal Balzan għad baqgħalna qanpiena waħda ta' Ġulju Cauchi, dik li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-kampnar tħares lejn il-Pjazza. Din il-qanpiena, li tiġi t-tielet waħda fis-sett preżenti, bit-tokki kiebja imma devoti tagħha, tagħti l-aħbar tal-mewt ta' xi wieħed minn ħutna li jkun ħalliena. Barra din il-qanpiena, Ġulju Cauchi kien ħadem xi qniepen oħra għall-Parroċċa tagħna, li l-kbira fosthom kienet tiżen 23 qantar u qamet 2640 skud. (1)

Minn Triq Sir Antonio Micallef, aħna u ġejjin mill-Wied, qabel ma noqorbu lejn il-Pjazza, niksru lejn il-lemin u nsibu triq ġdida li ssemmiet Triq il-Ġustizzja. Minn din it-triq noħorġu f'wesgħa, donnha pjazzetta, b'għadd ta' djar sbieħ bil-'front gardens'. Din il-wesgħa fin-nofs għandha qatgħa ħamrija li probabbilment 'il quddiem titħawwel b'xi siġar biex isebbħu l-ambjent. It-tliet toroq l-oħra li, minbarra Triq il-Ġustizzja, jinkwadraw din il-wesgħa ssemmew Triq l-Għerusija, Triq Antonio Bosio u Triq Siġismondo Dimech. Ngħidu xi ħaġa dwar dawn ta' l-aħħar.

Antonio Bosio

Antonio Bosio, storiku magħruf ta' żmien l-Ordni, kien bin l-imsemmi Kavallier Ottone Bosio, dak li fl-Assedju l-Kbir tal-1565 wera qlubija li ma bħalha. Antonio jingħad li twieled il-Birgu fl-1555, u ta' 12-il sena ntbagħat Ruma għand zijuh Giacomo Bosio, ambaxxatur ta' l-Ordni Ġerosolmitan.

Hemmhekk Antonio Bosio sar saċerdot u duttur tal-Liġi Kanonika u Ċivili, iżda mbagħad malajr intefa' għall-arkejoloġija. Huwa sewa ta' ġid kbir għall-istorja tal-Knisja billi rnexxielu jikxef f'Ruma għadd ta' fdalijiet insara ta' l-ewwel sekli, hekk li "hu magħdud mill-awtoritajiet internazzjonali bħala l-Cristoforo Colombo ta' Ruma Antika". (2) L-aqwa xogħol tiegħu jismu **Roma Sotterranea.** Miet fl-1629 wara li kien iddedika ħajtu kollha għar-riċerka, u saħansitra wara li kien tajjar fl-istudju l-ġid kollu li kien wiret minn għand zijuh. (3)

Siġismondo Dimech

L-iskultur Siġismondo Dimech kien ħaqqu li tissemma triq għalih f'Ħal Balzan billi ħallielna dak il-ġmiel ta' żewġ statwi tal-ġebel, il-Lunzjata u l-Anġlu Gabriel, li għandna fuq iz-zuntier tal-Knisja. Twieled fl-1780 fir-raħal ġar tagħna ta' Ħal Lija, u studja l-pittura taħt Stefano Erardi. Siġismondo kien jiġi l-kuġin ta' Vincenzo Dimech (1768-1931), l-iskultur imsemmi li naqax fl-injam il-vara titulari ta' San Publiju fil-Furjana. Fost ix-xogħlijiet sbieħ li ħalla Siġismondo Dimech, insibu statwa ta' Santa Marija fil-Mensija, li dari kienet tinsab Ħal Balzan, l-istatwa ġganti ta' San Pawl, li tinsab fuq il-gżira tiegħu qrib Selmun, kif ukoll il-Lunzjata u l-Arkanġlu Gabriel li diġa' semmejna, li huwa ħadem fl-1802 u li ħafna jqisuhom bħala l-isbaħ grupp ta' l-Annunzjazzjoni li għandna Malta. Dimech miet fl-1853. (4)

L-Isqof Balaguer

Inkomplu l-mixja tagħna f'din in-naħa ġdida ta' Ħal Balzan u, minflok ma nerġgħu noħorġu minn Triq il-Ġustizzja u nkomplu mexjin lejn il-Pjazza minn Triq Sir Antonio Micallef, nistgħu nqassru biċċa u noħorġu mill-ewwel minn Triq Siġismondo Dimech. Hawn insibu triq ġdida li tgħaqqad flimkien din ta' l-aħħar ma' Triq Sir Antonio Micallef. Din it-triq, li fi żmien mhux 'il bogħod għad tinfed ma' Triq l-Annunzjata, issemmiet għall-Isqof Balaguer, però hija ħasra li m'hemm xejn fit-tabella tat-triq x'jindika u la ismu u lanqas id-dinjità tiegħu fil-Knisja, sempliċement 'Triq Balaguer'. B'dispjaċir ikollok tin-

(Ikompli f'paġna 3)

IL-GWERER TAL-LUM

— Minn JOHN MICALLEF —

Il-bniedem li huwa mogħni b'moħħ li jifhem u jaħseb għandu il-kapaċità li jifforma l-ħsibijiet u joħloq ix-xewqat tiegħu.

Sa mill-ewwel żminijiet insibu l-bniedem ifittex li jgħix ma' dawk li jaqsmu l-ideat tiegħu u jagħmel minn kollox biex igħożż dawn l-ideat.

Naturalment l-għaqda ta' dawk kollha li jħaddnu l-istess ħsibijiet, politika u lsien hija essenzjali għall-istess eżistenza tiegħu.

Inħolqot is-soċjetà. Nibtu l-ilsna differenti. Nibtu n-nazzjonijiet. Nibtu skejjel ta' filosofija u tagħlim ieħor.

L-istess evoluzzjoni ta' din il-kapaċità ħolqot ċirkostanzi ta' opinjonijiet differenti. Nies li jgħixu f'ċertu tip ta' ambjent jifhmuha mod ieħor minn dawk ġejjin minn ambjent ieħor.

Popli li jitkellmu b'ċertu lsien kienu ta' opinjoni differenti minn dawk li jitkellmu b'ilsien ieħor. Popli b'kultura jew tagħlim mod kienu jaħsbuha differenti minn nies ta' kultura u tagħlim ieħor.

L-għira, il-kilba għall-poter, l-akkwist ta' art flimkien mal-politika u anke l-abbuż tar-reliġjon huma l-kawża ta' nuqqas ta' qbil bejn il-bnedmin. Sa minn żmien ferm 'il bogħod insibu li l-istess fatturi li jifirdu l-popli illum kienu qasmu, farrku u qerdu popli tal-qedem.

Mistoqsija li għamilli ibni jekk wara l-aħħar gwerra dinjija kienx hawn gwerer oħra nebbħitni biex nagħmel xi tfittix u nara llum fil-bidu tas-sena 1984, kemm hawn popli jew sezzjonijiet ta' popli li rrikorrew uffiċjalment għall-vjolenza biex jattwaw il-ħsibijiet, xewqat u l-filosofija tagħhom.

F'dan l-artiklu sejrin naraw mingħajr ma nidħlu f'dettalji, bħal min għandu raġun u min m'għandux, min huma dawk in-nazzjonijiet li jinsabu fi gwerra ma' nazzjonijiet oħra kif ukoll dawk li jinsabu jitqabdu bejniethom.

Mal-ferħ li jġibu magħhom l-ewwel sigħat tas-sena nsibu, kontra qalbna u b'niket għal dawk kollha li verament iħobbu l-paċi, li ninsabu mdawrin b'sitt gwerer internazzjonali li diġa' ħallew mhux inqas minn 165,000 vittma.

	Is-sena meta beda l-ġlied
Iċ-Ċina kontra l-Vietnam	1979
Ecuador kontra l-Peru	M'hemmx sena fissa
L-Iran kontra l-Iraq	1980
Israel kontra l-P.L.O.	1948
Korea ta' Fuq kontra l-Korea t'Isfel	1954
Yemen ta' fuq kontra l-Yemen t'Isfel	1967

L-aħbarijiet kemm fuq il-ġurnali kif ukoll fuq ir-radju u t-television ta' kull jum qegħdin ikunu miżgħuda b'aħbarijiet ta' mibegħda u ġlied mhux biss bejn popli li ma jitkellmux l-istess ilsien imma anke bejn l-aħwa. Il-lista ta' 34 pajjiż li warrbu l-mejda tad-djalogu u tad-diskussjoni u qegħdin jirrikorru għall-vjolenza hija xi ħaġa li ġġegħelna nitħassbu sewwa.

Ħafna minn dawn il-pajjiżi qegħdin jinfnew bejniethom u warrbu minn quddiemhom is-sens tar-raġuni. Diversi minn dawn il-pajjiżi għandhom għajnuna barranija li qed tkompli tgħarraq is-sitwazzjoni. Il-PIKA hija waħda mill-kawżi prinċipali tas-sitwazzjoni preżenti f'dawn il-pajjiżi u l-kawża ta' iktar minn tliet miljun persuna maqtula.

	Is-sena meta beda l-ġlied
Afrika t'Isfel	1978
Afghanistan	1978
Angola	1975
Burma	1948
Colombia	1978
Crad	1965
Chile	1981
El Salvador	1977
Etjopja	1962
Filippini	1972
Franza (Corsica)	1980
Guatemala	1979
Honduras	M'hemmx sena fissa
Iran	1978
Irlanda ta' fuq	1969
India	1947
Indonesja	1975
Kampuċja	1972
Laos	1975
Lebanon	1975
Malasja	1945
Mozambique	1978
Nicaragua	1981
Namibia	1966
Pakistan	1972
Peru	1980
Uganda	1979
Sirja	1976
Spanja (Reġjun Bask)	1963
Sudan	M'hemmx data fissa
Sahara tal-punent	1975
Tajlandja	1965
Zaire	1967
Zimbabwe	1980

Ma' din il-lista ma rridux ninsew il-Falklands kif isejħulhom l-Ingliżi jew l-Islas Malvinas kif isejħulhom l-Arġentini li kienu l-kawża ta' ġlied fl-1982 fejn mietu 1200. Kemm l-Ingliżi kif ukoll l-Arġentini jgħidu li huma tagħhom. Il-gwerra bejn dawn iż-żewġ nazzjonijiet intrebħet mill-Ingliżi imma ma nistgħux ngħidu li spiċċat hemm.

Dawn huma l-fatti koroh li qed ngħixu fihom illum. Ma naqtgħux qalbna għaliex qegħdin ngħixu wkoll f'dinja fejn nazzjon qiegħed jgħin lill-ieħor inqas ixxurtjat minnu, fejn qegħdin jintbagħtu missjonijiet ta' paċi f'dawn l-artijiet li semmejna. L-ikrah dejjem jidher u jagħmel iktar ħoss mit-tajjeb imma huwa fatt li t-tajjeb qiegħed hemm u għad xi darba jirrenja.

Ismijiet ta' toroq godda f'Hal Balzan

(Ikompli minn paġna 2)

nota li biss fil-każ ta' dan il-bniedem prominenti tal-Knisja, li fi żmienu Ħal Balzan inqata' minn Birkirkara u twaqqaf bħala Parroċċa għalih, ma ntużatx l-istess proċedura f'każi oħrajn fejn, fuq it-tabella tat-triq, minbarra l-kunjom, tniżżel ukoll l-isem, il-ħidma jew kariga, u d-dati tat-twelid u l-mewt tal-persunaġġ.

L-Isqof Mikiel Giovanni Balaguer Camarasa nħatar isqof nhar it-12 ta' Frar 1635 mill-Papa Urbanu VIII fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Sultan Filippu III. Tul it-28 sena ta' l-episkopat tiegħu, Monsinjur Balaguer sejjaħ sinodu fil-Knisja Katidrali tagħna u kellu x-xorti li jikkonsagra bħala isqof lill-Inkwiżitur Fabio Chigi, li aktar tard kellu jkun il-Papa Alessandru VII. Din il-konsagrazzjoni saret fil-Knisja tal-Ġiżwiti l-Belt. Fost il-parroċċi ġodda li twaqqfu mill-Isqof Balaguer insibu dik ta' Ħal Balzan, nhar l-14 t'Awwissu 1655. L-Isqof Balaguer miet fid-9 ta' Diċembru 1663 u jinsab midfun fil-kor tal-Katidral; l-irħama bl-iskrizzjoni fuq qabru nqerdet fit-terremot tal-1693. (5)

Ġużè Bonnici

Minn Triq Balaguer noħorġu lejn Misraħ Ħal Balzan minn Triq Ġużè Bonnici. Din it-triq issa ilha ftit mhux ħażin imsemmija għal dan il-kittieb Malti, li għadda l-aħħar jiem ta' ħajtu bħala refuġjat f'Ħal Balzan qabel ma miet fis-6 ta' Ottubru 1940 fl-għomor ta' 33 sena. Fil-gazzetta **Ħal Balzan** konna tajna tagħrif dettaljat dwar ħajtu u l-kontribut tiegħu, kemm fil-qasam letterarju Malti kif ukoll f'dak politiku, (6) u għalhekk mhux il-każ li nerġgħu ntennu l-istess tagħrif.

Ngħaddu issa għan-naħa l-oħra ta' Ħal Balzan, dik li tiġi lejn it-triq tar-Rabat; hawn ukoll issemmew xi toroq ġodda. Nibdew id-dawra tagħna mill-Wied ta' Birkirkara, ħdejn il-ħanut tal-laħam ("Valley Butcher") u Borg Bonaci tal-ħelu. Dik it-triq li twassalna sal-Ġonna ta' Sant'Anton, li sa ftit ilu kien jisimha Triq Sant' Antnin, issa ssemmiet Triq Birbal, taqsira għal Birkirkara-Balzan. Naqbdu Triq Birbal u l-ewwel triq li nsibu fuq ix-xellug tagħna ngħatat l-isem Triq il-Kannizzata. Din it-triq wiesgħa u sabiħa tibqa' tielgħa 'l fuq, taqsam il-Linja (Old Railway Road), aktar 'il fuq taqsam triq ġdida li ssemmiet Triq il-Ħaraġ, u tkompli għaddejja sakemm 'il quddiem għad tasal kważi sa l-Akwadott.

Pietru Pawl Castagna

Triq il-Ħaraġ, li għadna kemm semmejna, torbot flimkien Triq San Franġisk mat-triq li tmiss mal-'boundary wall' tal-grawnd tal-Kulleġġ San Alwiġi, triq li ssemmiet għal Pietru Pawl Castagna. Huwa twieled Bormla fl-1827 u kellu karriera twila fil-qasam ta' l-edukazzjoni, l-ewwel bħala surmast u mbagħad bħala Direttur ta' l-Iskejjel Elementari. Iżda l-aktar li baqa' magħruf għall-kitbiet tiegħu: fares u kummiedji għall-palk u prinċipalment ix-xogħol storiku tiegħu **L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha** (1865), li t-tielet edizzjoni tiegħu ħarġet fl-1890. Castagna miet fl-1907.

Kif ninsabu f'din il-parti sabiħa ta' Ħal Balzan, fuq il-fruntiera mal-Parroċċa Matriċi ta' Birkirkara, ninnotaw b'sodisfazzjon kbir li l-Pjazza wiesgħa, imħawla b'siġar ornamentali, qrib il-Kulleġġ issemmiet Misraħ San Alwiġi, b'ġieh lil dan il-qaddis simpatiku, mudell għat-tfal u ż-żgħażagħ li jirċievu l-edukazzjoni tagħhom f'dan il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti. (7)

Bontadino de Bontadini

Jekk minn dan il-misraħ nitilgħu 'l fuq minn Triq P.P. Castagna, niltaqgħu ma' bini kbir u arjuż li jakkomoda żewġ skejjel tal-Gvern: 'Junior Lyceum' għall-bniet u l-Iskola Sekondarja tal-Bniet ta' l-Imrieħel. It-triq ta' quddiem dawn l-iskejjel, triq li għandha parti f'Ħal Balzan u parti f'Birkirkara, u li timxi b'mod parallel ma' Triq Notabile, issemmiet b'mod xieraq ħafna għal Bontadino de Bontadini, l-arkitett ta' l-Akwadott. Dan l-Akwadott, li hu twil madwar 15-il kilometru u li kien iwassal l-ilma mir-Rabat għall-Belt Valletta, sar bl-ispejjeż tal-Gran Mastru Fra Alof de Wignacourt fl-1610. Dan l-Akwadott inbeda minn Patri Natale Tomasucci ta' Messina, li rnexxielu jwassal l-ilma sar-raħal ta' Ħ'Attard, u mbagħad tkompla minn Bontadini, inġinier minn Firenze. (8)

F'din in-naħa ta' Ħal Balzan għad baqa' xi triqat ġodda li għadhom ma ngħatawx isem u li nittamaw jingħataw wieħed ma jdumux, xejn xejn jitneħħa l-inkonvenjent tal-ħafna 'New Street off...' minn fuq l-indirizzi postali. Tkun ħaġa sabiħa li kellhom jissemmew żewġ toroq għal żewġ Balzanin li sallum għadhom minsija f'dan ir-raħal. Qed nirreferi għall-Professur John Borg M.A., M.D., Professur tal-Botanika fl-Università, li twieled Ħal Balzan fid-9 ta' Novembru 1873 u miet fl-4 ta' Mejju 1945 (9), u l-iskultur Balzani Wiġi Muscat, li ħadem ħafna xogħol delikat fil-ġebla Maltija u, fost il-ħafna xogħlijiet li ħallielna, insibu l-istatwa ħelwa tal-Madonna ta' l-Abbandunati, li tinsab f'niċċa ma' Villa Macedonia fil-kantuniera bejn Triq Sisner u Triq San Valentinu, statwa ta' San Pawl fuq il-bieb tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija fi Triq San Franġisk, erba' anġli fil-pilastri maġġuri tal-Kappella tal-Bon Pastur, u statwa ta' Ġesù b'idejh miftuħa fiċ-Ċimiterju tan-Naxxar. (10) Dawn it-tnejn min-nies inħoss li jixirqilhom ikunu rikonoxxuti f'raħal twelidhom, aktar u aktar meta tiftakar li m'humiex ħafna nies kbar li jiflaħ jipproduċi raħal żgħir tad-daqs ta' Ħal Balzan. Forsi tkun ideja tajba wkoll li kellha tissemma triq għall-iskultur Salvu Dimech (1805-1887), Mosti mlaqqam 'is-Sarċ', li minn idejh ħarġet l-istatwa titulari tagħna ta' l-Annunzjata, li huwa naqqax fl-injam fl-1868.

Referenzi

(1) Castagna, Pietru Pawl, **L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha**, Vol. 3 (1890), p. 152.
Ara wkoll Faure, Giovanni, **L-Istorja ta' Malta u Għawdex bil-Gżejjer tagħhom u l-ġrajjiet li saru fihom**, Vol. 4 (1916), p. 1203.
Dun Ġwann Dimech (**Ħal Balzan** Nru. 30, Lulju/Awissu 1976, p. 3) jikkwota mill-Arkivju Parrokkjali u jgħidilna dwar il-qniepen ta' Ġulju Cauchi li l-kbira fosthom "ġiet ikkonsograta mill-Arċisqof Mons. Pietru Pace nhar is-27 ta' Settembru 1890 quddiem il - parruċċani kollha," u li saret "bil-kontribuzzjonijiet tal-poplu u biż-żelu tal-Kappillan Dun Ġużepp Salnitro u tal-prokuraturi Dun Ġwann Sarreo D.D., is-Sur Pietru Pawl Frendo, l-illustrissimu Konti Franġisk Manduca, is-Sur Nikol Bonello u s-saċerdot Alessandro Cortis D.D."

(2) Mifsud Bonnici, Rob., **Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali** (Malta, Dipartiment ta' l-Informazzjoni, 1960), p. 55.

(3) Ma nafx Antonio Bosio kellux xi parentela mal-kommendatur ta' l-Ordni Ġerosolmitan ta' San Ġwann Fra Vincenzo Bosio, li kellu dar f'Ħal Balzan, dak il-bini antik u kbir li nsibu fi Sqaq Nru. 2, Triq it-Tliet Knejjes. (Ara **Ħal Balzan** Nru. 2, Novembru/Diċembru 1971, p. 4). Forsi kien iktar jixraq li triq f'Ħal Balzan tissemma għal dan ta' l-aħħar.

(4) Faure, Giovanni, **L-Istorja ta' Malta u Għawdex...**, op. cit., p. 1120.

(5) Bonnici, Arthur, **History of the Church in Malta** (Malta, Empire Press, 1968) Vol. II, pp. 12, 13.

(6) Ara Sammut, Nora B.A. (Hons.), "Ġużè Bonnici — Kittieb Malti" (**Ħal Balzan** Nru. 47, Mejju/Ġunju 1979, pp. 4, 7).

(7) Il-Kunsill Ċiviku — Balzan, fil-Laqgħa Ġenerali tat-18 ta' Lulju 1973, kien issuġġerixxa u talab li din il-pjazza tissemma għal San Alwiġi. (Ara **Ħal Balzan** Nru. 13, Settembru/Ottubru 1973, p. 1).

(8) Scicluna, Hannibal P., **The Order of St. John of Jerusalem and Places of Interest in Malta and Gozo** (Malta, 1969), p. 321.
Il-Professur J. Quentin Hughes, fil-ktieb tiegħu **The Building of Malta 1530-1795** (London, Alec Tiranti, 1967), p. 201, waqt li jgħid li Bontadini kien minn Bologna, isemmi 'l Giovanni Attard, arkitett u inġinier Malti, li tqabbad mill-Gran Mastru Wignacourt biex jerġa' jiddisinja mill-ġdid l-Akwadott billi l-inġiniera barranin bħal donnhom qatgħu qalbhom. Bontadini esegwixxa x-xogħol fuq il-pjanti ta' Attard.
Ara wkoll Leopardi, E.R., **Malta's Heritage** (Malta, 1969), pp. 81-83.

(9) Ta' min ifakkar hawn li l-Kunsill Ċiviku — Balzan, fil-Laqgħa msemmija ta' Lulju 1973 (ara n-nota 7), kien issuġġerixxa wkoll li waħda mit-toroq f'Ħal Balzan tissemma għall-Professur John Borg. Lapida tar-rħam li tfakkar isem dan il-Balzani tinsab imwaħħla mal-Każin tal-Banda San Gabriel; din kienet tqiegħdet f'għeluq l-20 sena minn mewtu.
Karmenu Penza kien ressaq suġġeriment f'din il-gazzetta sabiex isem it-triq fejn kien joqgħod il-Prof. Borg — Triq it-Twila, magħrufa aħjar bħala Sqaq it-Twil — tissemma Triq il-Professur John Borg. (Ara Penza, Karmenu, "Il-Prof. John Borg M.A., M.D.", **Ħal Balzan** Nru. 14, Novembru/Diċembru 1973, p. 2).

(10) Ara Tortell, Camillo, "Sitt Wiġijiet", **Ħal Balzan** Nru. 20, Novembru / Diċembru 1974, p. 4.

PROFILI BALZANIN

WIGI BRIFFA

Luigi Briffa jew aħjar is-Sur Wiġ għax hekk kien magħruf mill-biċċa l-kbira tal-Balzanin, twieled għall-aħħar tas-seklu l-ieħor nhar it-12 ta' Jannar 1890 minn Emmanuele u Carmela Taliana. Huwa kien is-sitt wieħed minn familja ta' tmint aħwa.



Dak iż-żmien fit-tlett irħula kienet diġa' teżisti skola governattiva. Billi din kienet waħda mill-aħjar skejjel, tfal mir-Rabat u minn Birkirkara kienu jattendu din l-iskola. Ħaġa naturali s-sur Wiġ kien jattendi din l-iskola la kien joqgħod Ħal Balzan. Hu għadda l-iskola kollha li dak iż-żmien kienet sas-seba' klassi, illum kienet tkun id-disa' klassi.

Huwa beda l-karriera tiegħu ta' għalliem, flimkien ma' żewġ ħutu oħra, Salvatore u Rosario f'età tassew żgħira u baqa' jgħallem għal snin twal, għalkemm ħareġ qabel kellu sittin sena. Kien miżżewweġ lil Marija Assunta, għalliema wkoll, mill-belt Valletta u miż-żwieġ tagħhom kellu tifla Carmelina, illum is-sinjura Lina Muscat.

Beda jgħallem fl-iskola ta' Ħaż-Żebbuġ. Kien ukoll fi skejjel oħra fosthom dik tat-tlett irħula u ta' B'Kara fejn spiċċa mis-servizz.

Bħala għalliem kien jinteressa ruħu ferm għall-ġid tat-tfal li kienu jkunu taħt idejh. Mhux ftit imxew 'il quddiem taħt it-tagħlim tiegħu. Dan jixhduh ħafna mit-tfal ta' Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ'Attard u oħrajn minn Birkirkara.

Is-sur Wiġ kien iħobb ħafna n-natura b'mod speċjali dik li hi l-koltivazzjoni ta' xtieli u pjanti u meta dan is-suġġett daħal fl-iskejjel hu kien minn ta' l-ewwel biex jgħaddi dan it-tagħlim lit-tfal. Is-sur Wiġ kellu wkoll f'idejh it-tagħlim tat-taljan. Bħala Balzani insibuh minn ta' l-ewwel fejn kien jidħol il-ġid tar-raħal tiegħu. Għal bosta snin insibuh membru attiv fil-Każin Marija Annunzjata fejn kien jokkupa diversi karigi. Ħadem ħafna flimkien mal-kumitat imwaqqaf apposta sabiex inġabru l-fondi għas-sett ta' qniepen, li nġieb mid-ditta Paccard f'Annecy fi Franza fis-sena ġubilari 1925.

Ħa ħsieb ix-xabla li ngħatat lil Lord Gort meta din daret il-każini li kkontribwew għaliha.

Kien segretarju tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla tal-parroċċa u segretarju fil-kumitat tal-pittura.

Kien jinteressa ruħu ta' veru Balzani fil-festa ta' Marija Annunzjata sew bħala membru tal-każin li semmejna kif ukoll bħala wieħed mill-komunità Balzanija.

Kien isib l-għaxqa tiegħu fil-jiem ta' qabel il-festa, meta kien isib ruħu fil-maqdes tagħna sabiex jagħti daqqa t'id fl-armar tal-festa li kienet tant għal qalbu.

Kien huwa li daħħal id-devozzjoni lejn San Ġuda Taddeo billi rregala kwadrett ta' dal-qaddis, maħdum mill-pittur Chev. Pawlu Camilleri Cauchi, li jinsab fil-kappellun tal-Kurċifiss, fuq il-kwadru famuż ta' San Pawl Eremita.

Is-sur Wiġ miet fid-9 ta' Ġunju 1974, fl-għomor ta' 84 sena.

V. MUSCAT

(Ikompli minn paġna 1)

għalhekk kien dejjem miftuħ għal kull riforma ta' ġid u għal kull inizjattiva fejjieda li bihom setgħet tiġġedded il-ħajja spiritwali tal-Maltin.

Għal dan il-għan, l-Arċisqof Mons. Gonzi kien mhux biss ifittex li jsir jaf kull Parroċċa meta kien jagħmel il-Viżta Pastorali, iżda kien ta' spiss ilaqqa' lill-Kappillani biex jisma' minn għandhom is-sabiħ u l-ikrah, it-tajjeb u l-ħażin, li jeżisti fil-parroċċi tagħhom U hu bħala missier u ragħaj kien jaf jagħti s-suġġerimenti siewja tiegħu. Barra minn hekk, wara kull laqgħa kien jieħu interess jiltaqa' ma' Kappillani individwali. Kien fi żmienu li nħoloq il-Kulleġġ tal-Kappillani u fi żmien li l-istess kappillani laqqgħu l-ewwel kungress, li tiegħu Mons. Gonzi attenda kull sezzjoni u ta l-kontribut tiegħu.

Kull meta kien ikun irid jieħu xi deċiżjoni, kien ifittex li jikkonsulta ruħu ma' ħaddieħor. Fih kont nara l-prudenza, l-għaqal u l-umiltà. Kien spiss igħallimni li ma għandix noqgħod għal dak li nisma'. Kien igħidli: "Mur ivverifika inti stess, bħal ma nagħmel jien, għax in-nies, ħafna drabi jimxu kif jaqbel lilhom." Mons. Gonzi kien iħobb li ssir ġustizzja ma' kulħadd u ma ried jara lil ħadd vittma ta' inġustizzja.

Kif jaf kulħadd, matul issnin twal tal-episkopat tiegħu, Malta għaddiet minn ħafna taqlib u tibdil soċjali. U ma setax jonqos li jitħasseb u jinkwieta ruħu quddiem kull ħaġa li setgħet tkun ta' ħsara għall-ħajja reliġjuża tal-Maltin. Huwa ma qagħad qatt lura li jikkumbatti kull ħaġa li setgħet tħedded il-fidi f'Malta.

F'dawk il-jiem, kull wieħed li kien irid il-ġid tal-pajjiż u l-ħarsien tal-Knisja f'Malta, kien jaqsam fin-niket ma' Mons. Gonzi. Iżda fl-istess ħin, ngħid għalija, kont nitgħaxxaq bl-Arċisqof tiegħi, li b'dik il-vuċi soda, b'dawk l-argumenti kollha għerf, kont nistħajjlu l-Appostlu Missierna San Pawl ta' żminijietna.

Dan kollu li għedt jixhed li l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi dejjem wettaq dmiru bl-ikbar sens ta' responsabbiltà bħala l-veru Ragħaj l-ewwel fid-Djoċesi ta' Għawdex u wara f'dik ta' Malta, fejn iddedika l-apostolat tiegħu mimli ħeġġa, għaqal u qlubija, biex il-Fidi ta' Kristu u l-valuri nsara, imwassla lilna mill-Appostlu Missierna San Pawl, ma jiġu qatt mittiefsa u nieqsa.

HAL BALZAN FI ZMIEN IL-FRANCIZI 1798 - 1880

Kien l-10 ta' Ġunju 1798 meta Napuljun Bonaparti bil-flotta u l-armata Franċiża daħal fil-port bl-iskuża li jieħu l-ilma iżda bi ħsieb speċifiku li jieħu f'idejh il-gżejjer Maltin. Din il-wasla tal-Ġeneral Napuljun fakkret lill-Isqof Mons. Vincenzo Labini u lill-poplu Malti bil-ksur tal-wegħdi li kien għamel dak il-Ġeneral lill-Papa Piju VI u fir-relazzjonijiet, li wieħed ma għandux igħir għalihom, li kienu nħolqu bejn l-Knisja u r-Repubblika Franċiża ġewwa Franza u kull fejn Napuljun irnexxielu jirbaħ taħt idejh. (1)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

Napuljun niżel l-art minn fuq l-'Orient' nhar it-12 ta' Ġunju. (2) Issa, peress li dan il-Ġeneral kien jaf kemm il-poplu Malti kien marbut u għandu għal qalbu r-Reliġjon Kattolika, wiegħed li kien se jirrispetta r-Reliġjon li jħaddan dan il-poplu. Għalhekk talab lill-Isqof, lill-Kappillani u lis-Superjuri tal-Ordnijiet Reliġjużi ta' Malta biex jiltaqgħu miegħu u jippreżentaw lilhom infushom lil dan il-Ġeneral fir-residenza tiegħu f'Casa Parisio. Id-diskors tiegħu kien iebes: "Ippridkaw il-Vanġelu, irrispettaw lis-Superjuri tagħkom, u għidu lill-poplu biex jobdi l-liġijiet Franċiżi. Jekk intom iġġibu ruħkom tajjeb, jien inħariskom; jekk le, jiena nikkastigakom." Wara huwa rċieva minn għand kull wieħed preżenti l-ġurament ta' fedeltà. (3)

Fis-sitt ijiem li Napuljun għamel Malta, mit-13 sad-19 ta' Ġunju 1798, qalleb għal kollox is-sistemi ta' l-arċipielgu Malti, amministrattivi, kostituzzjonali, leġislattivi u oħrajn inklużi dawk ta' l-edukazzjoni.

Mil-liġijiet li dan il-Ġeneral għamel (fit-13, 15, 16, 17 u 18 ta' Ġunju) (4) sejjer insemmi dawk li jolqtu lill-Knisja.

1.Qassisin, patrijiet u sorijiet mhux Maltin għandhom iħallu lil Malta fi żmien għaxart ijiem. Il-benefiċċji u l-postijiet ta' dawn jeħduhom il-qassisin Maltin.

2. Ħadd ma jista' jħaddan il-ħajja reliġjuża iżjed jekk ma jkollux mill-inqas tletin sena. Ma jsirux qassisin ġodda qabel ma dawk kollha li hawn il-lum isibu xogħol.

3. F'Malta u f'Għawdex ma jibqax ħlief kunvent wieħed ta' kull Ordni li fih għandhom jinġemgħu l-patrijiet kollha. Il-ġid żejjed li jibqa' mill-kunventi jmur biċċa għat-tagħlim u biċċa għall-fqar.

4. Il-fundazzjonijiet u l-kanonikati ta' knejjes kolleġġjali jispiċċaw.

5.In-numru tal-kanoniċi tal-Kapitlu tal-Kattidral ikun ta' ħmistax; ħamsa minnhom joffiċċjaw fil-Kattidral u għaxra fil-Knisja ta' San Ġwann tal-Belt Valletta li ġiet mibdula f'Kon-Kattidral.

6.Qabel l-ordinazzjoni saċerdotali ħadd ma jilbes is-suttana jew l-abitu reliġjuż.

7. L-Isqof u s-Superjuri Reliġjużi għandhom jibdew iwettqu dawn l-ordnijiet fi żmien għaxart ijiem taħt piena ta' sitt xhur ħabs. (5)

Nhar it-18 ta' Ġunju ħarġu ordnijiet oħra:

1. L-Isqof ma għandu ebda ġurisdizzjoni jew setgħa oħra ħlief fuq il-qassisin; il-kawżi kollha taż-żwiġijiet isiru fil-qorti ċivili u kriminali.

2. Ebda egħxur ma għandhom jitħallsu iżjed.

3. L-amministrazzjoni tas-Sagramenti ssir b'xejn u ebda Superjur barrani ma jista' jindaħal fit-tmexxija tal-ġustizzja u fi ħwejjeġ li jmissu wkoll ir-reliġjon.

4. Ħadd iżjed ma jista' jagħmel appelli u la għand il-Papa u lanqas għand ebda sultan ieħor.

L-armi kollha bl-istemmi tal-Ordni jew ta' xi familji magħrufa li kienu mwaħħlin mal-Knejjes għandhom jiġu mibruxa jew imkissra u minn flokhom titqiegħed l-arma tar-Repubblika Franċiża. Il-bandiera Franċiża għandha tiġi mtellgħa fuq il-faċċata prinċipali tal-Knisja.

Wara sitt ijiem li Napuljun qatta' f'Malta, fid-19 ta' Ġunju telaq bil-flotta tiegħu lejn Lixandra. Iżda mat-tluq tal-Ġeneral Franċiż mill-gżira tagħna, il-Kummissjoni Governatttva, immexxija minn Bosredon Ransijat, li ħalla fil-gżejjer biex iwettaq dawn l-ordnijiet, issuktat toħroġ proklamazzjonijiet, digrieti u bandi wieħed wara l-ieħor li ħonqu lill-Maltin u 'l-Għawdxin. (6)

Fost dawn insibu żewġ liġijiet li ħareġ Regnaud de St. Jean d'Angely. Waħda fid-19 ta' Awissu kienet tgħid: "Il-prokuraturi tal-Legati Piji, tal-Fratellanzi u tal-Benefizji Ekkleżjastiċi għandhom, fi żmien tmint ijiem, jippreżentaw ir-reġistri tagħhom tad-dħul u tal-ħruġ lil impjegat tal-gvern."

Il-liġi l-oħra tal-24 ta' Awissu kienet tgħid li għandhom jiġu trasferiti biex jitwettqu mill-Istat, ħidmiet li kienu il-hom avdati f'idejn il-kappillani sa minn żminijiet imbiegħda, kif ukoll biex iċ-ċimiterji tal-Knejjes iservu biex fihom jiġu midfuna nies ta' reliġjonijiet oħra. (7)

Sejrin nagħtu daqqa ta' għajn lejn il-Parroċċa ta' Ħal Balzan meta wasal f'Malta Napuljun Bonaparti fl-1798.

Il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan kienet ta' 516 u kien hawn 142 familja jew dar.

Il-Kappillan kien Dun Franġisk Decaro S.Th.D. ta' 41 sena, li kien ġie nominat bħala kappillan ta' din il-parroċċa mill-Isqof Mons. Vincenzo Labini f'Lulju tas-sena ta' qabel (1797).

Il-kleru ta' din il-parroċċa kienu:

Saċ. D. Gio Maria Schembri ta' 89 sena;

Saċ. D. Pietru Pawl Gatt ta' 85;

Saċ. D. Pietru Schembri ta' 72;

Saċ. D. Pawl Zimech ta' 66;

Saċ. D. Gian Andrea Fenech ta' 63;

Saċ. D. Mikiel Micallef ta' 50;

Saċ. D. Salv Sammut ta' 45;

Kjeriku Miżżewweġ Annunzjatu Sammut 39;

Kjeriku Publiju Cassar 39;

Kjeriku Gio Maria Falzon ta' 23.

Għandi nifhem li jkun ta' interess għal dawk li jħobbu l-istorja li nsemmi l-qagħda soċjali ta' x'uħud mill-familji li kienu joqogħdu f'din il-parroċċa, skond kif huma msemmijin fli-Status Animarum.

Is-sinjura Maddalena Schembri, ta' 85, li kienet tgħix bir-renti u li kellha lil Roża Sammut ta' 46 bħala seftura.

Annunzjatu Dingli ta' 30 li kien bidwi u l-mara tiegħu Katarina.

Marija Gatt ta' 58 fqira. It-tifel tagħha Nazju ta' 25 kien is-sagristan tal-Knisja, u ħuh Ġużeppi ta' 23 kien suldat fuq ix-xwieni. Dan Ġużeppi kien ukoll ħajjat.

Mikiel Borg ta' 66 kien tal-lab.

Ġużeppi Azzopardi ta' 43 kien bidwi u l-mara tiegħu Sabina.

Nazju Bonnici ta' 27 kien bidwi wkoll u l-mara tiegħu Roża. Dawn kellhom tifel Salvu u tifla Marija.

Il-Konti Giovanni Francesco Manduca ta' 58 sena.

L-armla Marija Borg ta' 53 li tgħix bir-renti. Kellha magħha 'l uliedha: Salvu 20, Luqa 15, Albinu 13, u Vincenzo 11.

Is-sinjura Marija Gatt li kellha żewġ sefturi, Roża Gatt 67 u Elena Grech ta' 43, li tgħix bir-renti.

Rajmund Vella ta' 26 u l-mara Katerina, 27, igħixu bil-ftit renti li għandhom.

Grazzja Borg ta' 62 tgħix bir-renti. (8)

Referenzi

(1) BONNICI ART. — History of the Church in Malta Vol. II p. 138ċ
(2) CASTAGNA P. P. — L-Istorja ta' Malta Vol. II p. 355.
(3) BONNICI ART. — Op. Cit. p. 139.
(4) VELLA AND. P. — Storja ta' Malta Vol. II p. 219.
(5) ARKIV. ARCIV. — Korrispondenza XXIV (1796-1801) ff 603.
(6) TESTA CARM. — Mażżewġ Naħat tas-Swar Vol. III p. 224.
(7) FERRIS ACH. — Storia Ecclesiastica di Malta p. 376.
(8) ARKIV. PARR. — Status Animarum 1774-1824.

ROKNA GHAT-TFAL

Għeżież tfal,

Żewġt irġiel imdaħħlin fiż-żmien kienu qegħdin f'bieb il-belt. Resaq fuqhom raġel barrani u staqsiehom: "Ħbieb, xi tgħiduli għan-nies ta' din il-belt?" Qabeż wieħed minnhom u qallu: "Int xi tgħidilna għan-nies ta' beltek?" "Kollha mill-agħar," wieġbu r-raġel, "tant li kelli nitlaq u nfittex band'oħra." Reġa' x-xwejjaħ u qallu: "Mela lanqas dil-belt ma tgħodd għalik, għax hawn in-nies kollha mill-agħar."

M'għaddiex wisq ħin li ma reġax tfaċċa raġel ieħor, barrani wkoll. Resaq fuq iż-żewġt ixjuħ u tennielhom l-istess mistoqsija. Qabeż ix-xwejjaħ u talbu: "L-ewwel mhux aħjar tgħidilna xi ħaġa int dwar in-nies ta' beltek." "Nies mill-aħjar," wieġbu dak; "iżda billi naqasli x-xogħol f'dik il-belt kelli nfittex biex naqla' ħobżi band' oħra." Qallu x-xwejjaħ: "Mela dil-belt, ħabib, tgħodd ħafna għalik. Hawn nies mill-aħjar u tgħix kuntent magħhom." Ix-xwejjaħ l-ieħor stagħġeb mhux ftit meta ra kif tkellem sieħbu u kif kien biddel fehemtu daqshekk malajr, iżda malajr fehem għaliex.

Fhimtu, tfal, għaliex ix-xwejjaħ tkellem hekk? Ta' l-ewwel kien jimxi ħażin mal-proxxmu tiegħu u għalhekk ma setax jonqos li jimxu ħażin miegħu; tat-tieni kien imur tajjeb man-nies ta' beltu u għalhekk hawn ukoll kellu għalfejn jistenna li jimxu tajjeb miegħu.

Tfal għeżież, fid-dinja l-esperjenza tgħallimna li n-nies jimxu magħna ħafna drabi kif nimxu magħhom aħna. Bniedem ta' qalb tajba jsib min igħinu u jieqaf miegħu fil-bżonnijiet tiegħu; bniedem ta' qalb iebsa rari jsib l-għajnuna li jkun jeħtieġ. Tifel li jkun ħabib ma' kulħadd u ma jiġġieled ma' ħadd, issibu dejjem imdawwar bil-ħbieb u kulħadd ikun iħobbu. Ieħor li qatt ma jislef xejn minn tiegħu ma tantx isib min jagħmillu pjaċiri. Tifla mkabbra u mneħirha kemxejn imxammar ma tantx tkun popolari u spiss tisfa mwarrba minn sħabha. Oħra ta' manjieri ħelwin u dejjem bi tbissima fuq fommha tisraq il-qlub u tiġbed in-nies lejha. Għalhekk, jekk tridu li n-nies jimxu tajjeb magħkom, imxu tajjeb magħhom intom ukoll. Sidna Ġesù dan għallimhulna huwa wkoll meta qalilna: "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek."

KOMPETIZZJONI BI PREMJU

TFAL,

Għal din il-ħarġa tal-gazzetta tagħna għandkom il-kelma AMMINISTRAZZJONI.

Din fiha sittax l-ittra, sitta huma vokali A, I, I, A, I, I, u l-għaxra l-oħra huma konsonanti M, M, N, S, T, R, Z, Z, J, N.

Kull ma rridu minn għandkom hu li tiffurmaw għaxar kelmiet ta' ħames ittri kull waħda, mill-ittri ta' din il-kelma.

Eżempju: Ma nistax nikteb il-kelma SIBNA billi l-ittra B ma tinsabx fil-kelma li tajniekom.

Mela għalikom tfal, ħabblu ftit moħħkom u sibu dawn l-għaxar kelmiet.

Tinsewx li kull kelma jrid ikollha ħames ittri biss u tiktbux iżjed minn għaxra.

Nista' nassigurakom li minn dawn il-kliem hemm 'il fuq minn erbgħin kelma.

Bħas-soltu ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelope magħluq u ndirizzawh lill-każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letter box tal-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt 28 t'April.

Niskużaw ruħna għal-iżball li kellna f'waħda mill-ittri ta' l-ewwel isem ta' raġel.

L-ittra D riedet tkun P għalhekk is-sitt ismijiet ma setgħux joħorġu kollha. Pero kull min bagħat il-kompetizzjoni u kellu l-ħames ismijiet l-oħra tajba xorta għaddejnihielhom tajba. Il-ħames ismijiet kienu: DUMINKU, VALENTU, DOLORES, LUNZJAT, PAWLINA.

Tellajna x-xorti fost dawk li kienu tajbin u x-xorti messet lil John Baptist Pullicino li joqgħod 31, Triq Santa Marija, Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS, NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644